MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2009

Appell Civili Numru. 15/2000/3

**George u Lonza sive Nancy konjugi Cardona**

**v.**

**Ferdinando sive Randu Zammit u Peter Paul Zahra**

**Il-Qorti**:

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan l-appell jikkoncerna r-responsabbilita` ghal incident li sehh waqt bini ta’ mahzen, meta parti mill-*arm* tal-crane cediet, tghawget u laqtet lill-attur, li kien qed ipoggi l-

knaten f'gholi ta' tmintax-il filata, u konsegwenza ta' dan l-attur waqa' ghal isfel u korra serjament.

**2.** Il-fatti saljenti huma s-segwenti:

1. L-attur kien jahdem bhala bennej *part-time*, u fit-23 ta' Lulju 1999 kien qed jahdem mal-konvenut Zammit sabiex jibnu mahzen. Il-konvenut l-iehor, Zahra, kien qieghed jahdem mal-konvenut Zammit ukoll fl-istess sit.
2. La l-imghallem -- il-konvenut Zammit -- u lanqas il-haddiema, cioe` l-attur u l-konvenut Zahra ma kienu liebsa xi forma ta' lbies protettiv.
3. Waqt li l-attur kien qieghed ipoggi l-knaten f'gholi ta' tmintax-il filata, il-konvenut Zammit kien qed jopera l-*crane* biex ihott il-knaten minn fuq trakk, u l-konvenut Zahra kien qed jghinu billi jippostja il-kantuni fl-art.
4. F'hin minnhom l-*arm* tal-*crane* cediet, tghawwget u laqtet lill-attur, li waqa' lura ghal fuq mazz xkejjer tal-qamh, li kien mghotti bis-silla, u baqa' niezel sakemm spicca fl-art.
5. L-attur sofra feriti gravi, u li kkawzawlu dizabilita` permanenti.

**3.** Permezz ta' citazzjoni presentata fl-1 ta' Frar 2000, l-atturi talbu lill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri:

1. li tiddikjara lill-istess konvenuti jew min minnhom unikament responsabbli ghall-incident fuq il-post tax-xoghol hawn fuq imsemmi u ghal korriment gravi ta' l-attur;
2. tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur minhabba l-korriment tieghu gravi fuq il-post tax-xoghol u dana minhabba n-nuqqasijiet u negligenza u traskuragni ta' l-istess konvenuti, jew min minnhom, kif spjegat hawn fuq, liema danni huma sewwa materjali kif ukoll fi kwalita` ta' *lucrum cessans* u telf ta' xoghol u dan okkorrendo permezz ta' perit li ghandu jigi nominat ghal istess fini;
3. tikkundanna lill-istess konvenut, jew min minnhom, li jhallsu lill-attur id-danni kollha hekk sofferti u likwidati.

**4.** Il-konvenuti (fol. 10) eccepew:

1. Illi t-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatti ghaliex l-incident in kwistjoni ma kienx dovut ghal xi htija da parti taghhom, jew min minnhom, izda kien incident ghal kollox fortuwitu u dovut ghal forza magguri;
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, mhuwiex minnu illi Ferdinando Zammit b'xi mod naqas li jara li l-post tax-xoghol kien, sa fejn huwa ragonevolment prattiku, hieles minn kull periklu ghall-haddiema tieghu;
3. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegat nuqqas ta' Ferdinando sive Rando Zammit illi jipprovdi ilbies protettiv lill-haddiema tieghu b'ebda mod u manjiera ma kien xi element kontributur ghall-incident meritu ta' din il-kawza;
4. Illi finalment, il-grad ta' debilita` illi l-attur qed jippretendi illi sofra per konsegwenza ta' l-incident *de quo*, kif ukoll l-ammont ta' danni illi huwa qieghed jallega illi sofra per konsegwenza ta' l-istess incident huma esagerati ghall-ahhar, u dawn il-pretensjonijiet gonfjati ghall-ahhar da parti ta' l-attur ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni meta l-Qorti tigi sabiex eventwalment takkolla l-ispejjez gudizzjarji fost il-kontendenti, dejjem jekk jirrizulta xi htija, anke kontributorja, da parti ta' l-eccipjenti.
5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

**5.** B'sentenza moghtija fl-1 ta' Novembru 2005, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri qatghet il-vertenza billi:

1. iddecidiet in aderenza ghat-talbiet ta' l-attur u cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut Ferdinandu sive Randu Zammit billi iddikjarat r-responsabbilita` ghall-incident kwantu fi grad ta' zewg terzi fuq il-konvenut Ferdinandu sive Randu Zammit u kwantu ghal terz fuq l-attur;
2. illikwidat d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' LM9,600;
3. ikkundannat lill-konvenut Ferdinandu sive Randu Zammit ihallas din is-somma hekk likwidata lill-attur; u

4. irrespingiet t-talbiet ta' l-attur fil-konfront tal-konvenut l-iehor Peter Paul Zahra.

**6.** Kwantu ghall-ispejjez, dik il-Qorti ordnat li dawn ghandhom jkunu a karigu tal-konvenut Ferdinandu sive Randu Zammit hlief dawk tal-konvenut Peter Paul Zahra li ghandu jbaghtihom l-attur.

**7.** L-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li ikkunsidrat is-segwenti:

"Din il-kawza tirrigwarda incident fuq ix-xoghol, precizament fuq sit ta' bini fi Triq il-Gharb, Rabat, Ghawdex, li b'konsegwenza u fil-kors tieghu l-attur wegga' serjament u safa' parzjalment u permanentement dizabilitat. L-attur qieghed ifittex sabiex jigu likwidati d-danni kemm dawk emergenti u kemm dawk lukri cessanti u r-rizarciment ta' l-istess mill-konvenuti jew min minnhom. Hu fatt assodat, sorrett mill-provi, li l-attur irriporta d-danni minnu lamentati waqt li kien qieghed fl-impieg tal-konvenut Ferdinandu sive Randu Zammit waqt li kien qieghed ipoggi knaten fil-bini ta' hajt tad-dobblu. Hawnhekk il-Qorti ser tirriproduci siltiet li fil-fehma taghha huma rilevanti ghall-finijiet ta' din il-kawza civili u li jaghtu stampa tad-dinamika ta' l-incident kif deskritta *a tempo vergine* mill-Arkitett Guido Vella nominat fl-inkjesta u riprodotta fir-relazzjoni ta' l-esperti taghha Dottor Joseph Micallef Stafrace u Victor Galea. Intqal hekk: *"li l-ferut George Cardona kien qieghed ipoggi l-knaten sabiex jibni hajt tad-dobblu u kellu barmil mimli tajn frisk. Huwa lahaq ferex it-tajn fuq il-hajt u kien ser jaqleb il-kantun li jmiss meta ntlaqat mill-'arm' tal-crane. Jidher li parti mill-arm tal-crane cediet u tghawget b'mod illi waqghet ghal fuq il-ferut u laqtitu. Huwa waqa' lura ghal fuq mazz xkejjer tal-qamh, li kien imghotti bis-silla…...iz-zarbuna tal-lemin tal-ferut instabet taht sieq il-crane; kienet tal-'canvas'. Jidher illi l-crane kienet qed tithaddem bl-elettriku sabiex itella' l-knaten, u l-wire cables konnessi ma' din il-crane kienu jidhru li kienu ghadhom f'posthom. Il-crane kienet qed tithaddem permezz ta' 'remote control'. Parti mill-crane, li qeghdha fuq nett, tghawget fuq il-lemin, u ma regghetx giet dritta. Il-crane kellha l-kliem FB GRU 800 miktubin*

*fuqha. Fit-tarf tal-'wire cable' li kienet terfa' l-crane, kien hemm ganc, u mieghu kellu grabja li tintuza biex ittella' l-knaten. Din il-grabja nstabet fl-art fuq in-naha ta' barra tal-hajt li kien qed jibni l-ferut. Il-'cables' instabu jistriehu fuq il-kantun li kien ser ipoggi l-ferut. Xi tmien filati aktar 'l isfel minn fejn kien qieghed jibni l-ferut, kien hemm armar tal-fallakki fuq il-hadid, poggut matul il-hajt li kien qed jinbena. Fil-hin ta' l-incident ix-xemx kienet tisreg u kien hemm il-kalma".* Din id-deskrizzjoni ta' l-incident taqbel ma' dik deskritta fir-relazzjoni tal-perit legali nominat fl-istess inkjesta, l-Avukat Kevin Mompalao, li sewwa sew tati deskrizzjoni aktar grafika ta' l-istess incident u fiha hemm migbura x-xhieda li nstemghu ghall-finijiet tal-inkjesta. A skans ta' ripetizzjoni l-Qorti qeghdha taghmel pjena referenza ghall-istess relazzjoni senjatament mill-paragrafu 5 (folio 108) sal-paragrafu 53 (folio 129).

"Illi dwar dan l-ewwel aspett tal-vertenza, cioe', x'kienet il-kawza li ikkagunat il-waqgha ta' l-attur, hemm xi fatti li din il-Qorti tixtieq tissoferma fuqhom. Dawn huma

(i) li fil-waqt illi hadd ma ra lill-attur attwalment jigi milqut mill-crane huwa fatt li fil-mument ta' l-incident dan zviluppatlu xi hsara u huwa verosimili u aktar minn probabbli, desumibbli mill-fattispecje u l-entita' tal-feriti, illi l-attur intlaqat minn wahda mill-gwienah tal-crane li kkagunatlu l-waqgha, fortunatament ghalih, fuq materjal li taffa, mhux ftit, il-konsegwenzi tal-waqgha;

(ii) li lanqas mhu fattur traskurabbli kif kien poggut il-crane vis-à-vis il-hajt b'gwenhajh jittraversawh;

(iii) li l-waqgha u l-korriment konsegwenzjali huma stat ta' fatt anzi huma l-fatturi centrali tal-kawza li dwarhom il-konvenuti gew imsejha biex jirrispondu; u huwa f'dan il-kuntest li tassumi importanza l-parti teknika tal-kawza li ghal darba, darbtejn, (ara apparti r-relazzjoni, wkoll folio 149) eskludiet difett fil-makkinarju tal-crane u attribwit dak li gralu ghal 'overloading'. Din hi wkoll il-konvinzjoni ferma tal-Qorti fformulata wara ezami rett tal-provi in atti.

"Jista jinghad f'dan l-istadju li m'hemm xejn, anzi l-provi jeskludu, xi responsabbilita' da parti tal-konvenut Peter Paul Zahra b'dan illi l-indagni dwar r-responsabilita` minn dan l-istadju 'l quddiem ghandha tigi indirizzata lejn l-konvenut Ferdinandu Zammit salv kull agir tal-attur li seta' u ta' lok ghall-kontribuzzjoni tieghu ghall-akkadut.

"Dan il-fattur tar-responsabilita` jindirizza l-kawza fit-tieni aspett taghha. F'dan il-kuntest, kif ben tajjeb jinghad mill-espert legali, l-attur kien fejn kien fuq xoghlu, *qua* impjegat ta' l-imghallem tieghu, il-konvenut Zammit, jaghmel xoghol ta' bennej li ghalih kien tas-sengha ghalkemm ma kellux licenzja. Mill-aspett ta' ligi hu assodat, kemm gurisprudenzjalment u kemm dottrinalment, li mghallem ghandu joffri sistema ta' xoghol sigur u adegwat. F'dan ir-rigward dan certament ma jistax jinghad li kien il-kaz fuq dan il-lant tax-xoghol. Huma proprju f'lokhom il-kliem adoperati mill-espert legali li dan l-aspett ta' sigurta' kienet kwazi haga estranja, tant estranja ghall-konvenut Zammit, zied il-Qorti, kif tevidenzja x-xhieda tieghu riportata folio 261. Intant gie pruvat li l-konvenut la kien libes elmu ('safety helmet') u lanqas kellu, u ma giex provdut, b'zarbun adegwat ('saftey shoes'). Anka r-riparar li kien hemm kien manifestament inadegwat bil-mod kif kien armat xi tmien filati 'l isfel minn fejn kien qieghed jahdem l-attur.

"Mill-aspett tal-kontributorjeta` l-figura guridika taghha tippresupponi n-negligenza bazata fuq l-aforisma *"qui culpa sua damnum sentit non intelligitur damnum sentire*" u tinsab preveduta fl-Artikolu 1051 tal-Kodici Civili. Fih hija prospettata l-ipotesi li d-danneggjat, b'nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza, jew ta' hsieb, ikun ikkontribwixxa jew ta' okkazjoni ghall-hsara. Jigifieri, huwa jrid ikun ikkommetta htija ('culpa') fis-sens ta' l-Artikolu 1032 u fis-sens li jrid ikun ghamel jew naqas li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi (Artikolu 1033); fi kliem iehor, id-danneggjat irid ikun ikkommetta vjolazzjoni jew trasgressjoni ta' dover li f'dan il-kaz kien li jhares mhux biss is-sahha u s-sigurta' ta' haddiema ohra fuq il-lant tax-xoghol, izda tieghu wkoll (dover impost bl-Artikolu 3 subiniz 4 tal-Kap 367 li kien il-ligi applikabbli meta sehh l-

incident). Xiehda, mhux kontradetta, tafferma li l-attur, jekk xejn, irrifjuta li jkollu ghall-inqas elmu stante li 'safety shoes' qatt ma gew lilu provduti. Hemm ghalhekk kontibutorjeta` negligenti ta' l-attur li l-Qorti sejra tqis, fid-diskrezzjoni taghha, li ghandha iggorr terz tal-htija.

"Illi apparti dan il-Qorti teskludi bl-aktar mod kategoriku li f'dan il-kaz kien hemm xi fattur fortuwitu li ta aditu ghall-infortunju billi x-xena fuq dan il-lant tax-xoghol ma kinitx certament xempju ta' post sigur. In-nuqqasijiet kienu, kif intqal fuq, manifestament lampanti tali li xi tip ta' incident kien jew kellu jkun prevedibbli.

"Illi l-ahhar aspett tal-kawza jirrigwada l-likwidazzjoni tad-danni. Hawnhekk, din il-Qorti taqbel mal-likwidazzjoni raggunta fir-relazzjoni peritali <u>biss</u> fir-rigward d-danni emergenti. In sintonija ma' l-abbli espert perit legali l-Qorti hi tal-fehma illi l-ammonti rikjesti mill-attur ghal dawn id-danni, ammontanti ghal hames mija u erbgha u tletin lira Maltin (Lm534), huma kollha rizarcibbli. Ma taqbilx, pero`, in kwantu li l-likwidazzjoni in via ta' lukri cessanti giet kalkolata fuq introjtu annwu u medju ta' sebat elef lira Maltin (Lm7000). Ir-ragunijiet huma: illi ghalkemm jirrizulta li l-attur fil-mument li sofra d-debilita` kellu 41 sena, jigifieri kellu quddiemu 20 sena hajja lavorattiva, fil-prospett tad-dikjarazzjoni ta' l-introjtu annwali tieghu ghall-finijiet ta' taxxa, hemm biss indikat l-introjtu ghax-xoghol fiss. Issa, fil-waqt li hu ovvju li ghal xoghol ta' bennej li kien jaghmel 'extra' mal-konvenut l-attur kien jithallas, oltre l-paga ta' impjegat tal-Gvern bhala 'watchman', kien jispetta lilu li jipprova l-qliegh medju u annwu tieghu. Din il-prova ma tirrizultax, u ghalhekk ghall-fini li tistabbilixxi l-qliegh il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tadotta qliegh medju u annwu ta' erbat elef u hames mitt lira Maltin (Lm4500) tul firxa ta' 20 sena wkoll biex jirrifletti l-inflazzjoni u kull inkrimenti annwi. Ghal dak li huwa l-grad ta' dizabilita` hemm zewg percentaggi rizultat ta' zewg ezamijiet distinti u separati li saru minn esperti medici, it-tnejn li jinkorporaw valutazzjoni minn tobba esperti fil-qasam tan-newrologija u l-ortopedija. Fl-ewwel rapport debitament mahluf, li kien a disposizzjoni tal-espert legali taghha, l-esperti medici fil-persuna tat-tabib Ray Gatt (ortopediku) u

it-tabib Norman Vella (newrologista) – folio 66 et seq – hemm stabbilit grad totali ta’ disabilita` fil-percentagg ta’ sittax fil-mija (16%) – li mil-lat ortopediku jikkonforma mal-percentagg raggunt minn Mr Charles Grixti (ingaggjat privatament mill-attur). Minn naha l-ohra l-esperti medici addizzjonali, nominati fuq talba taz-zewg partijiet, stabbilew dizabilita’ totali ta’ hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) b’varjazzjoni fi grad sostanzjali mil-lat newrologiku – differenza ta’ sebgha fil-mija (7%) – waqt li mil-lat ortopediku d-differenza hija marginali. Rinfaccjata b’din is-sitwazzjoni din il-Qorti ser tadotta grad totali ta’ dizabilita’ ta’ ghoxrin fil-mija (20%).

“Illi mill-bqija l-Qorti mhiex qeghdha tirriskontra ebda raguni l-ghala m’ghandhiex tapplika f’dan il-kaz t-tnaqqis ta’ 20% stante pagament tas-somma f’salt.

“Inghad dan ghalhekk qeghdha tillikwida l-ammont dovut fis-somma ta’ disat elef u sitt mitt lira Maltin (Lm9,600) mahduma fiha t-terz li l-attur ghandu jbati ghan-negiligenza kontributorja tieghu.”

**<u>L-appell</u>**

**8.** L-atturi[1] appellaw minn din is-sentenza b’rikors tal-21 ta’ Novembru 2005. L-aggravji taghhom jistghu jigu sintetizzati hekk:

1. Illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi, meta ikkonkludiet illi kien hemm xhieda mhux kontradetta illi l-appellant irrifjuta li jilbes l-elmu (ossia is-*safety helmet*) u b’hekk b’xi mod ikkontribwixxa ghall-infortunju ossia ghall-hsara li huwa garrab.
2. Illi fil-likwidazzjoni tad-danni *lucrum cessans*, l-ewwel Qorti irriteniet illi ma kienx hemm provi dwar id-dhul mix-xoghol part-time tieghu ta’ bennej, u ghalhekk ma haditx dan ix-xoghol in konsiderazzjoni.

[1] Ghalkemm l-appell huwa, proprjament, taz-<u>zewg</u> atturi, huwa redatt b’tali mod li huwa l-attur George Cardona li qed jesponi l-ilmenti tieghu.

3. Illi l-ammont ta' snin moghtija bhala hajja lavorattiva kellu jkun ta' 24 sena u mhux ta' 20 sena, billi l-eta` tal-pensjoni se tigi estiza ghal 65 sena u ma tibqax 61 sena.
4. Illi l-percentwali ta' dizabilita` kellu jkun dak li stabbilew il-periti perizjuri u cioe 25%, u l-ewwel Qorti ma kellhiex tnaqqsu ghal 20%.
5. Illi l-ewwel Qorti ma kellhiex tnaqqas 20% mid-danni likwidati, minhabba pagament tas-somma f'salt (*lump sum payment*).
6. Illi l-ewwel Qorti ma kellhiex takkolla l-ispejjez tal-konvenut appellat Peter Paul Zahra lill-appellant.

**9.** Ghalkemm il-konvenuti irrispondew ghal dan l-appell b'zewg risposti separati, hadd minnhom ma intavola appell incidentali.

**L-ewwel aggravju**

**10.** Jinghad mill-ewwel li ladarba ma gie intavolat l-ebda appell incidentali mill-konvenut Zammit, dik il-parti tas-sentenza appellata fejn instab li hu kien responsabbli ghall-incident *de quo* ghaddiet in gudikat. Dan l-aggravju ta' l-attur appellant jirrigwarda biss il-kwistjoni jekk kienx hemm negligenza kontributorja ghall-incident min-naha ta' l-istess appellant ghaliex huwa – skond kif irriteniet l-ewwel Qorti – irrifjuta li jilbes ilbies protettiv, partikolarment l-elmu.

**11.** Jigi rilevat ukoll li l-kontendenti u d-difensuri qablu li peress li l-perit legali, Dottor Joseph Micallef Stafrace, f'din il-kawza kien ukoll perit legali f'kawza kriminali kontra l-konvenut u dana dwar l-istess incident, il-provi li ingabru fil-kawza kriminali, inkluz dak li hemm fl-atti ta' l-inkjesta Magisterjali, ikunu jghoddu wkoll bhala prova ghal din il-kawza civili u li ghal dan il-fini titqieghed kopja skond il-bzonn tax-xhieda fl-atti ta' din il-kawza[2].

**12.** Issa mix-xhieda migbura fil-process jirrizulta s-segwenti: quddiem il-perit legali mahtur fl-inkjesta jew ahjar l-istruttorja, Dr. Kevin Mompalao, il-konvenut

[2] Ara verbal tas-seduta tad-9 ta' Marzu 2001 in prim'istanza a fol. 22 tal-process.

appellat Zahra xehed hekk: *"Gorg kien liebes shorts u T-shirt, u kappell tat-tibna. Ma kienx marbut. Safety helmet ma kellux. La jien u l-anqas Randu ma kellna. F'dawn l-erba' xhur Randu Zammit qatt ma tana safety helmets jew ilbies protettiv. Lanqas qatt ma tlabnieh."*[3]

**13.** Fir-rapport tieghu, il-perit legali Dr. Kevin Mompalao jghid li l-konvenut appellat Zammit xehed hekk: *"Finalment l-imghallem jghid illi fil-hin ta' l-incident Gorg ma kienx liebes ilbies protettiv. L-anqas hu u Zahra ma kellhom ilbiex protettiv. Jghid illi il-haddiema tieghu qatt ma libsu lbies protettiv. Jghid ukoll illi hu qatt ma offrejtilhom* (sic!) *ilbies protettiv u helmets. Pero` meta semma l-haddiema deherlu li ma kienux lesti li juzaw il-helmet. Dan inkluz il-vittma."*[4]

**14.** Fir-rapport tieghu, Dr. Mompalao jghid li l-attur xehed hekk: *"Huwa jispjega illi lbies protettiv ma kienx liebes. L-imghallem qatt ma kien offrielu lbies protettiv. Min-naha l-ohra hu l-anqas qatt ma talbu. Il-haddiema l-ohra kollegi tieghu qatt ma libsu lbies protettiv."*[5]

**15.** Jigi rilevat illi t-traskrizzjoni tax-xhieda li nghatat quddiem il-perit legali Dottor Kevin Mompalao fl-inkjesta m'hix inserita f'dan il-process ta' din il-kawza. Dottor Mompalao ipprezenta ir-relazzjoni tieghu fl-atti ta' l-inkjesta 65/99 fit-3 ta' Frar 2000 [6].

**16.** Quddiem il-perit legali Dr. Joseph Micallef Stafrace, nominat mill-ewwel Qorti f'din il-kawza, il-konvenut appellat Peter Paul Zahra xehed hekk: *"Jien kelli safety shoes u l-hard helmet kien fit-truck (i.e. ma kontx nilbsu). Cardona ma kellu xejn. Kellu kappell tat-tibna u papocc tac-carruta. Kienx provdut bis-safety shoes u hard hat u ma kienx jilbishom, ma nafx pero` qatt ma rajthom bihom imxidda."*[7]

---

[3] Ara fol. 115-116 tal-process in prim'istanza.
[4] Ara fol. 118 tal-process in prim'istanza.
[5] Ara fol. 120 tal-process in prim'istanza.
[6] Ara fol. 133 tal-process in prim'istanza.
[7] Ara fol. 97 tal-process in prim'istanza.

**17.** Il-konvenut appellat Ferdinand Zammit xehed hekk quddiem l-istess Dott. Micallef Stafrace: *"L-attur hard hat ma kellux, anqas safety shoes. Jiena ma kontx liebes helmet. Hard hats kien hemm ghal kulhadd. Safety shoes kien hemm ta' Zahra biss."*[8]

**18.** Fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2002, il-partijiet awtorizzaw lill-perit legali jghaddi ghar-rapport[9] abbazi ta' dawn il-provi.

**19.** Fid-dawl ta' dawn l-estratti ta' xiehda, din il-Qorti ma tistax taqbel mal-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti li "*xiehda mhux kontradetta, tafferma li l-attur, jekk xejn irrifjuta li jkollu ghall-inqas elmu stante li safety shoes qatt ma gew lilu provduti."* Anzi x-xiehda kollha turi li l-konvenut appellat Zammit *ex admissis* qatt ma offra lill-haddiema tieghu ilbies protettiv.

**20.** Ghalhekk, bir-ragun kollu l-perit legali Dott. Micallef Stafrace, fir-relazzjoni tieghu pprezentata fit-18 ta' April 2002 [10], ikkonkluda hekk:

**"Hu pruvat li fuq ix-xoghol is-*safety* ma kienetx imharsa. Kienet haga kwazi estraneja: la elmijiet, la *safety shoes*, la rparar ta' xejn. Stampa tal-kunfidenza zejda li tara f'ghadd ta' lantijiet tax-xoghol fejn tidhol l-industrija tal-bini. Hu dover ta' l-employer (f'dal-kaz F. Zammit), li jara li fuq il-lant tax-xoghol tkun imharsa s-*safety* fl-aspetti kollha taghha u f'dan il-kaz kull oppozizzjoni jew riluttanza da parti tal-haddiema mhiex skuzanti. Dana qed jinghad bhala sfond ghax fil-kaz taht ezami ma kienx il-kaz li F. Zammit ried li jittiehdu jew jipprovdi mizuri ta' *safety* u l-haddiema ma riedux jew urew riluttanza."**[11]

[8] Ara fol. 98 tal-process in prim'istanza.
[9] Ara fol. 101 tal-process in prim'istanza.
[10] Fol. 50.
[11] Ara relazzjoni tal-perit legali a fol. 61 tal-process in prim'istanza.

**21.** Gara issa li fis-26 ta’ Lulju 2004[12] -- cioe iktar minn erba’ snin wara li l-perit legali Dr. Mompalao ipprezenta r-relazzjoni tieghu fl-inkjesta u aktar minn sentejn wara li l-perit legali Dr. Micallef Stafrace kien ipprezenta r-relazzjoni tieghu f’din il-kawza -- il-konvenuti appellati ipprezentaw l-affidavits taghhom, fejn b’amnesija totali tax-xhieda moghtija minnhom precedentement, biddlu l-versjoni taghhom tal-fatti ghall-inqas f’dan ir-rigward. Fl-affidavit tieghu, Zammit ighid hekk: *“Bit-traskuragni u n-negligenza tieghu, l-attur kien liebes biss kappell tat-tiben u zarbun tac-caruta minflok helmet u safety shoes. Jiena nipprovdi lill-haddiema tieghi b’helmet u safety shoes. Izda l-attur ma kien ikun irid jilbes xejn minn dan. Infatti dakinnhar ta’ l-incident, l-helmet li jiena kont tajt lill-attur kien jinsab fil-van tieghi. Gieli kont ingiblu skuza li l-helmet huwa ahjar mill-kappell tat-tiben sabiex jipprotegi lilu innifsu mix-xemx, izda hu xorta kien jirrifjuta li jilbsu.”*[13] Pero` in kontro-ezami l-appellat Zammit ammetta illi *safety shoes* ghall-appellant ma kellux, ghax skond hu, l-attur appellant qallu li ma jridx jilbsu, u s-*safety shoes* li kien liebes l-appellat Zahra, kien xtrah Zahra stess, u mhux ipprovdihulu l-appellat Zammit[14].

**22.** Fl-affidavit tieghu l-appellat Zahra jghid hekk: *“Jiena niftakar lill-attur George Cardona bhala bniedem b’rasu iebsa. Ghalkemm Ferdinando Zammit kien javzah kemm il-darba sabiex jilbes is-safety shoes u l-helmet huwa xorta kien jirrifjuta li jilbishom. Hu kien ihobb joqghod bil-papocc tac-carruta.”*[15]

**23.** Jidher li l-ewwel Qorti strahet fuq ix-xiehda moghtija f’dawn iz-zewg affidavits biss. Pero` din il-Qorti hi tal-fehma illi fid-dawl tad-deposizzjonijiet moghtija mill-appellati Zammit u Zahra quddiem il-periti legali Dottor Mompalao u Dottor Micallef Stafrace, ix-xiehda taghhom moghtija f’affidavit ipprezentat snin wara li gew ipprezentati iz-zewg rapporti tal-periti legali, mhix

[12] Ara fol. 237 tal-process in prim’istanza.
[13] Ara fol. 238 tal-process in prim’istanza
[14] Ara kontro-ezami tal-konvenut appellat Zammit a fol. 262 tal-process.
[15] Ara fol. 241 tal-process in prim’istanza.

kredibbli, u hija tentattiv *in extremis* biex jinnewtralizzaw il-konkluzjoni tal-perit legali Dottor Micallef Stafrace f'dan ir-rigward.

**24.** Fid-dawl ta' dak hawn fuq riprodott, din il-Qorti hija moralment konvinta sal-grad rikjest f'kawzi civili, li l-appellat Zammit, kif originarjament ammetta hu stess, qatt ma ipprovda ilbies protettiv lill-haddiema tieghu, u ghalhekk ma kien hemm l-ebda negligenza kontributorja min-naha ta' l-appellant ghall-incident *de quo* ghar-raguni ravvizata mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, cioe` ghax dan "irrifjuta" li jkollu *safety helmet*. Min ihaddem irid jassigura ruhu li joffri *a safe working environment* lill-impjegati tieghu u ghandu jipprovdi *"safety equipment"* necessarju ghal dan il-ghan, u ghandu jassigura ruhu li tali safety equipment jintuza. Jizdied jinghad illi l-konvenut appellat Zammit kellu mhux biss id-dover li jipprovdi elmu lill-appellant (haga li naqas li jaghmel), imma darba provdut kellu d-dover li jesigi u jara li jintlibes u jiddixxiplina lil min ma jilbsux. Kif irriteniet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija v. Godfrey Attard** deciza fit-2 ta' Settembru 1999, *"Bhala general manager kellu jassigura mhux biss li oggetti bhal scaffolding u safety harness ikunu disponsibbli x'imkien f'xi store, izda kellu wkoll jassigura li l-foreman stess jinsisti li ebda xoghol ma jsir minghajr l-ekwipaggjament mehtieg."* (enfasi ta' dik il-Qorti). Dan ghaliex fl-ahhar mill-ahhar incident fuq ix-xoghol jinteressa mhux biss lil min ihaddem u l-haddiem li talvolta jista' jwegga', imma ghal diversi ragunijiet jinteressa lis-socjeta` in generali.

**25.** Konsegwentement l-ewwel aggravju ta' l-appellant ser jigi milqugh.

**It-tieni aggravju**

**26.** Fit-tieni aggravju tieghu, l-appellant jilmenta illi fil-likwidazzjoni tad-danni *lucrum cessans*, l-ewwel Qorti irriteniet illi ma kienx hemm provi dwar id-dhul mix-xoghol *part-time* tieghu ta' bennej, u ghalhekk ma haditx dan ix-xoghol in konsiderazzjoni. Effettivament, l-appellant ma

gab l-ebda forma ta' prova dwar id-dhul tieghu – kemm dak *full-time*, kif ukoll dak *part-time* quddiem il-perit legali Dottor Micallef Stafrace, u fin-nuqqas ta' din il-prova l-perit iddecieda *arbitrio boni viri* ammont ta' LM7,000 bhala l-qliegh ta' l-appellant[16].

**27.** Kien biss fis-seduta ta' 20 ta' Jannar 2004 - u cioe kwazi sentejn wara li l-perit legali ipprezenta r-relazzjoni tieghu - li l-attur appellant esebixxa zewg kopji ta' l-*income tax returns* tieghu ghas-sena bazi 1998 u 1999[17]. F'dawn l-*income tax returns*, l-appellant iddikjara biss id-dhul tieghu mill-impjieg *full-time* tieghu mal-Gvern. L-appellant ma gab l-ebda forma ta' prova ta' x'kien id-dhul tieghu mill-impjieg jew impiegi *part-time* tieghu bhala bennej, kif kien obbligu tieghu li jaghmel. Pero` fi kwalunkwe kaz, anke kieku l-appellant gab din il-prova, din il-Qorti mhix lesta li tiehu in konsiderazzjoni ghal fini tal-likwidazzjoni tal-*lucrum cessans* introjtu li l-appellant ma huwiex lest li jiddenunzja ghal finijiet tat-taxxa[18]. Ghaldaqstant dan l-aggravju qed jigi michud.

**It-tielet aggravju**

**28.** F'dan l-aggravju, l-appellant jilmenta illi l-ammont ta' snin moghtija bhala hajja lavorattiva kellu jkun ta' 24 sena u mhux ta' 20 sena, billi l-eta` tal-pensjoni se tigi estiza ghal 65 sena u ma tibqax 61 sena.

**29.** L-appellant kellu 41 sena meta gara l-incident, u l-ewwel Qorti ikkalkolat li kien ghad baqghalu hajja lavorattiva ta' 20 – cioe` sakemm jaghlaq l-eta` pensjonabbli ta' 61 sena. Ghalkemm hija haga maghrufa li l-Gvern qed jikkunsidra l-possibilita` li l-eta` tal-pensjoni tigi estiza ghal 65 sena, jibqa' l-fatt li s'issa l-ligi dwar l-eta` pensjonabbli ghada ma nbiddlitx, u mhux kompitu tal-Qorti tipprova tindovina x'se tkun il-politika u d-decizjoni ahharija tal-Gvern u tal-legislatur f'dan ir-rigward. Il-likwidazzjoni tad-danni qieghda issir illum u trid issir ai termini tal-ligi vigenti. Apparti dan, jinghad ukoll illi l-ewwel

---

[16] Ara r-relazzjoni peritali a fol. 64 tal-process in prim'istanza.

[17] Ara fol. 212 *et seq.* tal-process in prim'istanza.

[18] Ara f'dan is-sens is-sentenza **Vincent Debrincat et v. Mary Rose mart Joseph Vella et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' Marzu 1992.

Qorti kienet generuza hafna f'dan ir-rigward billi tat lill-appellant l-ammont massimu ta' hajja lavorattiva bejn l-eta` li fiha wegga', cioe` 41 sena, u l-eta` pensjonabbli cioe` 61 sena, u konsegwentement ikkunsidrat hajja lavorattiva ta' 20 sena. Hija l-prassi f'kazijiet bhal dawn li l-gudikant jiehu in konsiderazzjoni l-effett tac-*chances and changes of life* li fir-realta` jistghu, ghar-ragunijiet kompletament indipendenti mill-incident *de quo* jirriducu l-hajja lavorattiva tal-infortunat. Jidher li l-ewwel Qorti ma haditx dan il-fattur in konsiderazzjoni, ghax xorta allokatlu l-massimu tal-hajja lavorattiva li setghet tallokalu, u ghaldaqstant, l-attur certament m'ghandux ghalxiex jilmenta f'dan ir-rigward. Ghalhekk anke dan l-aggravju qed jigi respint.

**Ir-raba' aggravju**

**30.** Permezz ta' dan l-aggravju l-appellant jikkritika lill-ewwel Qorti talli naqset il-percentwali ta' dizabilita` li stabbilew il-periti perizjuri u cioe` hamsa u ghoxrin fil-mija (25%), ghal ghoxrin fil-mija (20%). Issa, jibda biex jinghad li mill-provi jirrizulta li l-appellant sofra zewg forom ta' dizabilita` wiehed mil-lat ortopediku u l-iehor mil-lat neurologiku, u ghalhekk kellhom jigu nominati zewg tobba medici kompetenti wiehed f'kull qasam. F'din il-kawza, hemm zewg percentwali dwar id-disabilita` totali sofferta mill-appellant, dik tal-periti nominati fl-ewwel lok ta' sittax fil-mija (16%), u l-percentwali ta' disabilita` stabbilit miz-zewg periti perizjuri ta' hamsa u ghoxrin fil-mija (25%).

**31.** Wiehed irid jiftakar li ghalkemm il-periti teknici, kif ukoll il-periti legali, jigu appuntati mill-Qorti, sabiex jghinuha fil-konsiderazzjonijiet taghha, il-Qorti m'hi bl-ebda mod marbuta li taddotta l-konkluzjonijiet taghhom *a bocca baciata* cioe` minghajr ebda riflessjoni jew kritika. Rinfaccata b'din id-diskrepanza pjuttost konsiderevoli fil-grad ta' disabilita`, u tenut kont tal-fatt li t-tobba kollha nominati huma specjalizzati fil-qasam rispettiv taghhom, u tenut kont ukoll li l-periti perizjuri ma taw l-ebda spjegazzjoni oggettiva ghalfejn ma' qablux mal-konkluzjoni ta' l-ewwel zewg periti li gew nominati, l-ewwel Qorti kienet gustifikata li tiehu t-triq tan-nofs, u tiehu bhala

grad totali ta’ disabilita` ghoxrin fil-mija (20%). Ghaldaqstant, dan l-aggravju qed jigi michud.

**Il-hames aggravju**

**32.** Fil-hames aggravju l-appellant jikkritika lill-ewwel Qorti talli naqset ghoxrin fil-mija (20%) mid-danni likwidati, minhabba pagament tas-somma f’salt.

**33.** Ghalkemm huwa minnu li quddiem l-ewwel Qorti l-appellati talbu l-hatra ta’ periti perizjuri w esperti perizjuri, huma b’hekk kienu qeghdin biss jezercitaw id-drittijiet moghtija lilhom bil-ligi, u ghalhekk ma jistax jinghad li l-appellati kkontribwew ghad-dewmien fil-kawza. L-appellant jargumenta wkoll li ma ghandu l-ebda garanzija li l-konvenut appellat Zammit ghandu assi bizzejjed biex ihallas is-somma f’salt. Pero` din hija problema li jista’ jaffaccja danneggjat f’kull tip ta’ kawza ghad-danni, u huwa ghal dan il-ghan li l-ligi tipprovdi wkoll ghal hrug ta’ mandati kawtelatorji. Fi kwalunkwe kaz, l-appellant ma gab l-ebda prova li l-appellat Zammit mhux f’pozizzjoni li jhallas id-danni likwidati f’salt, u mill-att ta’ citazzjoni jirrizulta li huwa diga` ha hsieb johrog mandat ta’ inibizzjoni w iehor ta’ qbid.

**34.** Pero` min-naha l-ohra, huwa fatt li l-kawza twalet iktar milli kien imissha, u l-appellant se jispicca jigi rizarcit ghad-dannu li sofra ghaxar snin wara l-incident. Kif gie ritenut fis-sentenza **Mark Caruana vs. Grazio Horace Camilleri** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta’ Ottubru 1998[19], fir-rigward ta’ dan it-tnaqqis ghal hlas tas-somma f’salt: *“Il-Qorti jidhrilha li hu zmien opportun biex dan l-aspett fil-kalkolu tal-lucrum cessans li hu illum pjuttost accettat mill-gurispdrudenza, jigi razzjonalizzat. Dana bhal gwida u mhux bhala regola. It-tnaqqis mill-persentagg li beda recentement jigi introdott mill-Qrati, biex b’xi mod jikkumpensa ghad-dewmien tal-proceduri gudizzjarji u fil-likwidazzjoni tal-kumpens, hu motivat ukoll mill-fatt li ma hux sallum possibbli li jigi degretat il-hlas ta’ l-imghax mid-data meta giet kagunata l-hsara. Jidher*

[19] Mill-Onor. Imhallef Joseph Said Pullicino.

*allura li jekk jigi kalkolat li l-valur tal-kapital bl-akkrexximent ta' l-imghax f'investiment ghaqli, ghandu prattikament jirdoppja fi zmien ghaxar (10) snin, ikun gust li l-persentagg ta' ghoxrin fil-mija (20%) ghal-lump sum payment jigi ugwalment ridott fuq dan il-perjodu b'rata ta' tnejn fil-mija (2%) kull sena mid-data ta' l-incident sakem tigi finalment deciza il-kawza. Hu xieraq ukoll li ma jsir l-ebda tnaqqis fir-rata, fil-kazijiet fejn il-kumpens dovut ikun gie finalment determinat fi zmien ragonevoli – li l-Qorti tqis li ghandu jkun tlett (3) snin – minn meta jsehh l-incident li pprovoka d-danni. Dana mhux biss ghaliex dan hu zmien li fih il-proceduri gudizzjarji ghandhom jiehdu l-kors taghhom, imma wkoll biex jinghata spazju, opportunita` u incentiv lill-kontendenti li jfittxu soluzzjoni bonarja fl-iqsar zmien possibbli."*[20]

**35.** Fil-kaz in ezami, il-kawza ilha pendenti oltre it-tlett (3) snin, u issa ghalqet disa' (9) snin[21] -- ghalkemm b'daqshekk mhux qed jinghad li kien hemm xi dewmien irragjonevoli fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, u specjalment tal-provi li kellhom isiru u l-perizji li kellhom jinzammu. Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, hija l-fehma ta' din il-Qorti li jkun gust li r-rata ta' riduzzjoni ghal-*lump sum payment* ghandha tkun ta' ghaxra fil-mija (10%). F'dan is-sens dana l-aggravju qed jigi milqugh.

**Likwidazzjoni finali tal-*Lucrum Cessans***

**36.** Qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tikkunsidra s-sitt u l-ahhar aggravju, li jikkoncerna l-ispejjez, huwa xieraq li issir il-komputazzjoni tal-*lucrum cessans* dovut lill-appellant fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula. Il-*lucrum cessans* ghandu jigi kalkulat kif gej:

LM4,500 (qliegh medju u annwu stabbilit mill-ewwel Qorti) x 20% (rata ta' dizabilita` permanenti) x 20 (*multiplier)* ................................... Lm 18, 000

[20] Ara wkoll fl-istess sens **Maria Debono v. Andrew Vaswani** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Ottubru 2003.
[21] Il-kawza giet ipprezentata fl-1 ta' Frar 2000.

Tnaqqis (10%) ................................................................... Lm 1, 800

--------------

Total ta' *lucrum cessans*
Lm16, 200

**37.** Naturalment ma' dan l-ammont ta' *lucrum cessans* irid jizdied l-ammont ta' hames mija u erba' u tletin Lira Maltija (Lm 540) – likwidati mill-ewwel Qorti bhala dannu emergenti u li fuqhom ma kienx hemm appell. Ghalhekk, l-ammont ta' danni totalment dovuti mill-appellat Zammit huma ta' sittax-il elf seba' mija u erbghin lira (Lm16,740.00) ekwivalenti illum ghal tmienja u tletin elf disa' mija u tlieta u disghin euro u wiehed u sebghin centezmu (€38,993.71).

**Is-Sitt Aggravju**

**38.** F'dan l-aggravju, l-appellant jilmenta illi l-ewwel Qorti ma kellhiex takkolla l-ispejjez tal-konvenut appellat Peter Paul Zahra lilu, cioe` lill-appellant.

**39.** Huwa minnu li probabbilment meta ntavola l-kawza, l-appellant ma kellux car f'mohhu min miz-zewg konvenuti kien jahti ghall-incident. Fil-fatt huwa sinifikanti illi x-xhud Gaetano Grech – il-persuna li nkariga lill-appellat Zammit biex jibni l-mahzen u li kien fuq il-post ta' l-incident fil-hin li sehh – xehed li l-*crane* kien qed joperah l-appellat Zahra[22]. Pero` l-appellat Zammit ammetta li kien hu li qed jopera l-*crane* fil-hin ta' l-incident, anke waqt il-gbir tal-provi fl-inkjesta[23]. Fil-fatt fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu quddiem l-ewwel Qorti, wara li l-attur appellant qal li hu jaqbel mar-rapport peritali ghal dak li jirrigwarda ir-responsabbilita`, ikompli hekk:

*" b. l-operazzjoni tal-crane de quo kienet taht ir-responsabbilita esklussiva tal-konvenut Randu Zammit;*

---

[22] Ara xhieda ta' Gaetano Grech a fol. 88 tal-process.
[23] Ara rapport tal-Perit Legali Dottor Monpalao a fol. 117 tal-process in prim'istanza.

*c. Illi għalhekk jaħti biss għal incident li seħħ l-imsemmi konvenut Randu Zammit."*[24]

**40.** Din in-nota ta' l-osservazzjonijiet giet ipprezentata fis-6 ta' Mejju 2005. La darba l-attur appellant kien qieghed jirritjeni li l-konvenut appellat Zammit biss kien jahti ghall-incident, kien obbligu tieghu – sabiex jimminimizza d-danni – li jcedi l-kawza fil-konfront tal-konvenut appellat Zahra. L-appellant mhux biss m'ghamilx dan, izda anki fir-rikors tieghu ta' l-appell, huwa qieghed jitlob lill-Qorti ta' l-Appell issib liz-zewg appellati responsabbli ghall-incident. Ghalhekk, fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti hija tal-fehma li l-ispejjez ta' l-ewwel Qorti ta' l-appellat Zahra, ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn l-appellant u l-appellat Zammit, waqt li l-ispejjez ta' din l-istanza ta' l-appellat Zahra ghandu ibghatihom biss l-appellant.

**<u>Decide</u>**

**41.** Ghall-motivi premessi tilqa' l-appell fis-sens biss illi tiddikjara li ghall-incident in kwistjoni kien jahti biss u unikament il-konvenut Ferdinandu sive Randu Zammit – u ghalhekk tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu rriteniet li tali responsabbilita' kienet tmiss fi grad ta' zewg terzi l-imsemmi Zammit u fi grad ta' terz l-attur George Cardona – u tillikwida d-danni sofferti mill-istess Cardona fis-somma ta' sittax-il elf seba' mija u erbghin lira (Lm16,740.00), ekwivalenti illum ghal tmienja u tletin elf disa' mija u tlieta u disghin euro u wiehed u sebghin centezmu (€38,993.71), u tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu llikwidat is-somma ta' disat elef u sitt mitt lira (Lm9,600) u in kwantu kkundannat lill-konvenut Zammit li jhallas lill-attur l-ahhar imsemmija somma u minflok tikkundanna lill-imsemmi Zammit li jhallas lill-attur is-somma ta' sittax-il elf seba' mija u erbghin lira (Lm16,740.00) ekwivalenti illum ghal tmienja u tletin elf disa' mija u tlieta u disghin euro u wiehed u sebghin centezmu (€38,993.71), u tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu rrespingiet it-talbiet attrici fil-konfront ta' Peter Paul Zahra. Kwantu ghall-ispejjez, dawk ta' l-

---

[24] Ara nota ta' osservazzjonijiet ta' l-attur appellant a fol. 294 tal-process.

ewwel istanza jibqghu a karigu tal-konvenut Ferdinandu sive Randu Zammit, hlief ghal dawk ta’ Peter Paul Zahra li ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn l-istess Zammit u l-konjugi Cardona; l-ispejjez ta’ dana l-appell ghandhom jigu sopportati kwantu ghal erba’ partijiet minn hamsa (4/5) mill-appellat Ferdinandu sive Randu Zammit u r-rimanenti kwinta parti (1/5) mill-appellanti konjugi Cardona, izda l-ispejjez ta’ l-appell ta’ l-appellat Zahra ghandhom jigu sopportati kollha mill-appellanti Cardona.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------